# Katina Karmelitana

Nru. 21 Terzjarji Karmelitani Żurrieq Sett. – Diċembru 2013

## Marija "Faraġ tal-Imnikktin"

Il-missjoni ta' l-Omm tagħna il-Verġni Marija, tħeġġeġ lil kull wieħed minna biex idur lejha, b'tama kbira li tilqagħna lkoll bħala wliedha. Kull min resaq lejha, sab il-faraġ fin-niket, is-saħħa waqt il-mard, il-qawwa tal-ħelsien waqt il-ħtija; għaliex hija ħielsa mid-dnub. Kull min jirrikorri lejha twasslu biex jissielet b'ħeġġa qawwija kontra dak li hu ħażin u dak kollu li jċaħħadna mill-imħabba ta' Binha Ġesu'. Ħafna żgur li xi darba jew oħra resqu lejha fil-mument tat-tbatija għaliex emmnu tassew li f'Marija ser isibu l-konsolazzjoni u l-faraġ fil-mument tat-tbatija u l-qtiegħ il-qalb. Irid ikollna imma qabel xejn, fiduċja sħiħa fil-qawwa tal-interċessjoni ta' din Ommna.



Marija min-naħa tagħha, hija kollha għaxqa u tjieba u mimlija bil-grazzja. Hija dejjem lesta biex tilqa' lil kull min jirrikorri lejha. Hija taf sew il-ħtiġijiet ta' kull min hu imġarrab u tifhem tassew in-niket li jagħfas fuqna. Fil-mumenti tad-dlam, tal-mard, tas-solitudni; fil-mumenti fejn inħossuna bla saħħa anke spiritwalment, Marija żgur li tkun qrib tagħna bħala l-kewba li ddawwal triqitna biex fina tnissel it-tama. L-aħwa, l-interċessjoni ħanina ta' Marija hija wisq qawwija quddiem il-Qalb ta' Binha Ġesu'!

Huma ħafna il-qaddisin li jgħallmuna nduru lejha u nitolbuha dejjem; speċjalment fil-mumenti tqal tal-ħajja. Indur lejha bħalma għamlu il-qaddejja fit-tieġ ta' Kana, li hekk kif spiċċalhom l-inbid ħasbu li l-festa issa hija falliment. Imma resqu lejha, għaliex emmnu fiha li bħala Omm l-Imgħallem, hija setgħet tinterċedi għalihom. Tassew li jekk nersqu lejn Marija, speċjalment bit-talba tar-Rużarju, hemm





niskopru li din it-talba li ntennulha hija it-talba ta' kull midneb, ta' kull min hu mġarrab u mnikket, it-talba tal-fqir li jistenna biex jitrejjaq, it-talba tal-poeta msaħħar bis-sbuħija tal-qaddisin.

Mhux ta' b'xejn li San Bernard ħareġ b'dik it-talba sabiħa: "Ftakar, ja l-iżjed ħanina, Omm Verġni Marija, li qatt ma nstema' li xi ħadd intefa' taħt il-ħarsien tiegħek, talbek l-għajnuna jew fittex li tidħol għalih, u Inti ma smajtux...!! "

Ilkoll nistgħu nindirizzawha bħala Marija l-faraġ tagħna. Aħna u nitolbu s-Salve Regina, inkunu qed induru lejha u nitolbuha: "Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu f'dan il-wied ta' dmugħ. Ejja, mela, avukata tagħna, dawwar lejna dawk il-għajnejn tiegħek tal-ħniena!"

U aħna li nħarsu lejn Marija Ommna bħala il-faraġ tal-imnikktin ma nistax ma niftakarx fil-kliem li joħroġ mill-qalb tal-poeta Rużar Briffa lill-Marija Santissima:

O Madonna tad-Duluri,<br>
Ma stmerrejtx<br>
Int l-imnikket ġewwa darek,<br>
'Ma tbissimt minn fuq altarek,<br>
Kollok ħlewwa, kollok ħniena,<br>
Serraħt Int lill-qalb għajjiena.<br>
Inti biss!

**Dun Reuben Vella**

## Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

Il-festa tal-Madonna tal-Karmnu kienet festa kbira sabiħa u devota. Ħafna Terzjarji u devoti tal-Madonna tal-Karmnu ħadu sehem fil-funzjonijiet li saru matul il-ġranet tal-

festa u għall-quddiesa solenni bil-paniġierku. Dan l-impenn għandna nkompluh matul is-sena kollha billi nattendu għall-laqgħat, għall-eżerċizzi u l-irtiri li jsiru. Ut-Terzjarji kollha, barra dawk morda, huma fid-dmir li jattendu, specjalment għal-laqgħa tax-xahar. Nisperaw li naraw ħafna minnkom. Saħħa.
Il-Madonna tberikna.

**Carmen Farrugia**

## Programm għax-xhur Settembru – Diċembru

**Laqgħat Marjani**

**L-Erbgħa 2 t' Ottubru 2013**
**L-Erbgħa 6 ta' Novembru 2013**
**L-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2013**

Il-laqgħat jibdew fil-5pm bir-reċita tar-ružarju u wara jkun hemm il-Quddiesa bil-konferenza minn P. Hermann Duncan O.Carm.

**Festa tal-Madonna ta' Fatima f'Santa Venera**

It-Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu huma mistiedna biex jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu f'Santa Venera **nhar il-Ħadd 13 t'Ottubru 2013**. Il-private titlaq mill-venda fl-4:15pm.

**Eżerċizzi Spiritwali**
**Data: 11, 12 u 13 ta' Novembru 2013**
**Ħin: 5pm**
**Post: Ċentru Pastorali**

Kelliem : P. Raymond Calleja O.Carm.

L-Erbgħa 13 ta' Novembru issir il-Quddiesa.





**Kungress Nazzjonali tat-Terzjarji**

Il-Kungress Nazzjonali ser isir nhar il-Ħadd 27 t'Ottubru fil-knisja tal-Mosta. Il-private titlaq fit-3:30pm minn ħdejn l-iskola.

**Irtir ta' Ġurnata**

Irtir ta' ġurnata ġewwa l-Lunzjata r-Rabat nhar it-Tlieta 22 t' Ottubru. Ser imexxi l-irtir P. Martin Schembri O.Carm. Il-private titlaq minn ħdejn l-iskola fit-8:45am. Il-ħlas, inkluż l-ikel ta' nofsinhar, huwa ta' €16.

**Nofs ta' nhar Irtir**

Nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru ser isir nofs ta' nhar irtir fl-Oratorju San Luqa r-Rabat. Il-private titlaq minn ħdejn l-iskola fit-8:45am. Ħlas huwa ta' €8 li jinkludi trasport, te jew kafe u sandwiches.

***<u>Taħt il-Ħarsa tal-Madonna</u>***

*Taħt il-ħarsa tal-Madonna*
*Is-Sultana tal-ħolqien,*
*Fuq sidirna l-labtu tagħna*
*Ejja mmorru lkoll flimkien*

*Viva l-Labtu, Hu Għalina*
*Għajn kien dejjem ta' kull ġid,*
*Lilu Malta ħabbet dejjem*
*Minnu taqla' kull ma trid..*

**Profs. P.Anastasju Cuschieri O.Carm Poeta tal-Madonna**